# ĠWIENAĦ

*Ta'* ĠUŻI ABELA

*Lil ħabibi John Sciberras*
*li bħali jixtieq itir.*

Hekk kont nixtieqni, bħall-farfett ħajdani
li jtir u jsallab minn fuq fjura għal oħra,
donnu miġnun, jersaq fuq waħda u jerġa'
jdur fuq l-oħra ħdejha,
u xejn ma jogħġbu, xejn ma jħajru jieqaf.
Erħilu jtir fil-għoli, u jerġa' jinżel
jitbandal f'mewġ l-irjieħ:
farfett fis-sakra.

U jiena skirt ukoll sakra miġnuna,
u mlejt moħħi bil-kliem li tgħidli n-nies,
u ħsibtni b'saħħti u sirt xi ħaġa kbira,
u sibtni ċkejken, u bla ħila, u fqir.
Hekk għaddejt ħajti. W inti taf, Marija.
U l-lum intbaħt. Il-lum erġajt f'sensija.

Verġni Marija, int li waħdek fostna,
tlajt fejn qed tgħammar fis-smewwiet Sultana,
Verġni Marija, int li waħdek fostna,
taf is-sigriet li tajrek f'dar smewwija,
newwilli, Xbejba, ġwienaħ eħfef, eħfef
minn tal-farfett, u eħfef
minn ġwienaħ l-Anġlu
tal-Poeżija.
Newwilli, Marija,
ġwienaħ safjin
li ebda tajn ma jtabba',
ġwienaħ qalbiena
li ebda riħ ma jgħawweġ,
ġwienaħ qawwija
li ma jitfarrkux.

*Imbagħ'd* nittajjar
fejn qatt ma stajt nittajjar:
*imbagħ'd* bla biża', bla tregħid, nixxabbat
minn fejn iġġarraf darba min f'taqbida
tilef ġwinħajh it-tnejn u ndifen f'ħofra.
Hemm fuq għad nerfa' ħarsti.
Hemm fuq għad nilmaħ dija.
U nsibni wiċċ imbwiċċ nitbissem 'l Alla.
U Alla jħares wiċċ imbwiċċ ġo fija.